# L-IRJIEĦ

Hawn bosta nies li ma jifhmux fl-irjieħ, fosthom nies ta' l-iskola, għax kemm damu jitgħallmu ħadd ma fissrilhom fuq l-irjieħ u l-anqas huma stess ma dehrilhom li għandhom iħabblu rashom, għax wara kollox, kif jaħsbu huma, ma jiswielhom xejn li dil-ħaġa jkunu jafuha. Hekk ġara lili sakemm b'rieħet li nitgħallem l-ismijiet ta' l-irjieħ bil-malti kelli wkoll nitgħallem xi jfissru. L-iktar nies li għandna




jifhmu fl-irjieħ, għax ħaġa li toqroshom, huma l-ewwelnett il-kaptani u l-baħrin, inbagħad is-sajjieda, il-kaċċaturi u fl-aħħar xi ftit l-ibdiewa. Issib oħrajn ta' l-iskola, nies mogħtijin għal l-istudju tax-xjenzi naturali li jifhmu fl-irjieħ daqs dawk li semmejna qabel u għalkemm ma ngħidx aħjar minnhom ukoll, għax dak li jafu mhux biss jafuh bil-pratka,

imma bit-tagħlim ta' kotba u strumenti. Illi wieħed ikun jifhem fl-irjieħ, għalkemm mhix ħaġa wisq meħtieġa, hija ħaġa wisq xierqa, bħal ms hu xieraq li tkun tifhem f'barometru u f'termometru: il-lum li ssib tfal strangieri jafu jitkellmulek fuq ħwejjeġ li jagħmlu mill-ħolqien tad-dinja daqs surmast ta' l-iskola. Fuq l-irjieħ fisser fil-qasir u tajjeb ħafna il-Professur Temi Zammit fil-"*Kari Malti — Tagħlim fuk id-Dinja*" *Malta, 1901*—Ktieb li jiswa mitqlu deheb għat-tagħlim li fih u li jmissu f'idejn kullħadd: ŻGĦAR u KBAR; għax għandna kbar u ta' l-iskola li xi ħwejjeġ għadhom ma jafuhomx.




Mitlub, se' ngħid u nfisser fil-qosor fuq l-irjieħ mhux biex inżid ma' dak li qal ħaddieħor, imma l-iktar u qabel xejn biex infiehem fuq l-ismijiet maltin ta' l-irjieħ imqabblin ma' dawk fl-ilsien Taljan u Ingliż. U għalhekk dehirli li bħala artikolu fuq l-ismijiet ta' l-irjieħ u t-tifsir tagħhom kien xieraq li jidħol fil-"Malti". Ir-riħ jieħu l-isem tan-naħa

minn fejn ikun jonfoħ, sewwa sewwa ta' dik in-naħa tal-ponot ewlenin jew maġġuri jew irjieħ ta' bejniethom minn fejn jidher li r-rîħ ikun ġej. Għaldaqstant jingħataw erba' ponot ewlenin li huma, kif jidhru fiż-żewġ disinji li ġibna: In-*Nord*, is-*Sud*, l-*Est* u l-*Ovest* jew *West*. In-*Nord* hu maħżuż bl-ittra *N*, is-*Sud* bl-ittra *S*, l-*Est* bl-ittra *E* u l-*Ovest* jew *West* bl-ittra *W*. (Ara id-disinn tax-xellug) Bil-malti jissejħu: rîħ *Tramuntana* u jwieġeb għan-Nord (maħżuż T — ara d-disinn tal-lemin), riħ *Nofs-inhar* u jwieġeb għas-Sud (maħżuż·N), rîħ *Ilvant* (maħżuż L) u jwieġeb għal l-Est u *riħ Punent* (maħżuż P) u jwieġeb għall-*Ovest* jew *West*. Barra mill-kelma *Nofs-inhar* li hija t-tifsira tal-kelma taljana *mezzogiorno*, il-kelmiet l-oħra ta' l-irjieħ huma kollha ġejjin mit-taljan jew mil l-Isqalli: *Tramuntana* minn *tramontana*, *Ilvant* minn *Levante*, *Punent* minn *Ponente*.

Il-kelmiet għarbin għal dawn l-erba' ponot ta' rjieħ ewlenin huma: *Xmâl* jew *Riħ baħri*=tramuntana; *Qebla* jew *riħ qebli* kif ukoll *Ġnub* u *Seħèli*=nofs-inhar *Xerq* jew *riħ Xerqi*=Ilvant; *Għarb* jew *riħ għarbi*=Punent.

Wieħed jistagħġeb kif il-lum biex infissru ħwejjeġ ta' għerf hekk bikri fil-għajn u fil-moħħ tal-bniedem, kif ukoll ta' l-ewwel ħtieġa għal nies li baħħru u xi ftit għan-nies tar-raba', kif minn l-ibgħad żmenijiet kienu missirijietna, f'ilsien Malti dawn l-irjieħ il-maġġuri ngħiduhom iktarx bi kliem imnissel mit-Taljan jew mil-l-Isqalli.

Iż-żminijiet tan-nofs, ngħidu aħna mis-sena 1000 'l hawn, bosta ismijiet ta' nisel semitiku li bihom il-Maltin kienet tfisser il-ħwejjeġ li jagħmlu mal-ħolqien tad-dinja ġew mix-rubin minn ismijiet oħra li daħlu mad-drawwiet u mas-snajja' ta' nies barranin li kienu iżjed il-quddiem minna, bħalma ngħidu fin-navigazzjoni, fis-sajd, fil-caċċa, fil-biedja u nbagħad fi ħwejjeġ oħra, bħalma naraw mil l-ismijiet taljani, sqallin u l-lum ingliżi tas-sengħa ta' bennej, ta' skarpan, ħajjat, ħaddied, arġentier, mudellatur, inċiżur, karpentier, kostruttur (ta' dgħajjes, bastimenti) u ta' oħrajn. B'hekk fi ftit kliem ġie li l-kliem semitiku ta' l-irjieħ intilef u ntesa u floku daħal il-kliem taljan jew sqalli bħal:— *Tramuntana* minn *tramontana* jew *tramuntana*, *Ilvant* minn *levante* jew *livanti*, *Punent* minn *Punente* jew *punenti*, *Ilbiċ* minn *Libeccio* jew *Libbici*, *libbisc*, *Grigal* minn *Gregale* (Greco) jew *Gricali*, *Majjistral* (Maestro) minn *Maestrale*, jew *Maistrali*, *Pruvenz* jew *Pruvenzara*.

Hekk ukoll tgħallimna naqilbu u nfissru bi kliem malti l-irjieħ: *Nofs-inhar* minn *mezzogiorno*, *Riħ mill-baħar* minn

*vento di mare* jew *ventu mariri riħ mil l-art* minn *vento di terra* jew *ventu, ri terra*, *Riħ in poppa*, *inpruwa* minn *ventu 'n puppa, 'n prua;* il-kelma *riefnu*, *rwiefen* minn *rufuliuni di vintu*. Il-kelma *Xlokk* nistgħu ngħidu li iktarx ħadnieha mil l-Isqalli *Sciloccu*, *sciroccu*, għalkemm fil-Għarbi tinsab il-kelma *Xluq* li minnha tnisslu il-kelmiet taljani u sqallin. Bħalma ġara f'ismijiet oħra li, għalkemm intilfu f'ħalq il-poplu għat-tifsir li għandhom, baqgħu nbagħad fl-ismijiet li bihom għad-hom jissemmew xi rħula, xi għoljiet, xi widien, xi ħâra jew xi għalqa, Il-kelma *Għarb*, isem ta' raħal fil-punent ta' Għawdex u l-kelma *Żurrieq* (Xurrieq), isem ta' raħal f'Malta ġor-riħ ta' nofs-inhar, imma jxaqleb għal-Lvant, jixhduh biċ-ċar. Bosta jaħsbu li l-kelma *Żurrieq* ġejja mill-verb *żaraq* li jâti *żarqa*, *żoroq*, *iżraq*, u l-partiċipju *żurrieq*, li kif xi wħud dejjem ħasbu, kitbu u qalu huwa wkoll l-isem mogħti lil dar-raħal billi n-nies li tgħammar fih huma iktarx ta' għajnejn żoroq. Imma l-kelma *żurrieq*, mita tifliha sewwa ssibha li iktarx imnissla mill-verb *xaraq* (to rise—sun) li jati *xerqi* (riħ ilvant) u *xarraq* (To go to the East, HAVA) li jâti l-partiċipju *xurrieq* (imressaq lejn Ilvant) li tbiddel f'*Żurrieq*. Il-Lhudi għandu *Żaroq* (xerred id-dawl).

Kif insibu l-irjieħ? Il-kaptani tal-baħar, kif ukoll il-lum in-nawċieri ta' l-ajruplani, għandhom strument, bħal boxxla, għamla taż-żewġ disinni miġjubin hawnhekk, li bih isibu ir-rotta li jridu fuq il-baħar jew fl-ajru. Il-boxxla hi għamla ta' kaxxa tonda u fiha kif taraw fid-disinn hemm kull taqsim ta' riħ. Fin-nofs għandha kalamita donnha labra li dejjem tħares u turik it-tramuntana (in-*Nord*). Fuq ir-riħ tat-tramuntana jitqiesu l-irjieħ l-oħra. Fuq l-irjieħ il-maġġuri jew ewlenin u t-taqsim tagħhom fil-boxxla għedna biż-żejjed. Fadal infissru kif dawn l-irjieħ nistgħu nsibuhom fuq ix-xemx billi inbagħad nifhmu iktar bis-sħiħ il-ħażż ta' dawn l-irjieħ fil-boxxla. Qabel ma sabu l-boxxla, li kif jaħsbu ġibuha l-Għarab fl-Ewropa minn għand iċ-Ċiniżi dwar il-bidu ta' l-1200, bin-nhar, l-irjieħ kienu jsibuhom fuq ix-xemx u bil-lejl fuq il-kewkba jisimha Polaris li dejjem tibqa' għat-tramuntana. In-naħa li titla' x-xemx tissejjaħ Ilvant u n-naħa fejn tinżel tissejjaħ il-Punent. Għalhekk biex wieħed minngħajr ma jagħlet isib l-erbât irjieħ il-maġġuri għandu jħares lejn ix-xemx tielgħa u jiftaħ dirgħajh it-tnejn: kuddiemu jkollu l-Lvant (Est), in-naħa ta' idu l-lemenija Nofs-inhar (Sud), max-xellugija t-Tramuntana (Nord) u wara dahru l-Punent (West). Mita nbagħad f'nofs-in-nhar tâti dahrek lix-xemx u tiftaħ dirgħajk int ikollok quddiemek

it-Tramuntana, urajk il-Punent, fil-lemin il-Lvant u fix-xellug il-Punent. Biex wieħed isib it-Tramuntana u l-irjieħ l-oħra bin-nhar mita tkun telgħet ix-xemx jista' wkoll iwaqqaf fil-beraħ qasba ta' ngħidu aħna ħamest ixbar. Mita x-xemx taħbat fuqha, dlonk tara d-dell tagħha li għal l-ewwel ikun twil ħafna u nbagħad jibda jiċkien sa ma jiqsar għal l-aħħar. Ara sewwa mita dad-dell tal-qasba jkun l-iqsar. Dan ikun sew sewwa f'nofs-in-nhar u d-dell ikun iħares lejn it-Tramuntana jew in-Nord. Iġbed ħażż l-isfel bi dritt id-dell u ikollok Nofs-in-nhar jew is-Sud. L-irjieħ l-oħra ssibhom bil-môd li wrejtkom qabel.

Kull min irid huwa hu miexi fi trîq isib ir-rotta ta' riħ li jwasslu f'post ma għandux ħlief għal Nofs-in-nhar jâti daħru lix-xemx u jkun jaf li sew quddiemu għandu t-Tramuntana. Jekk il-post hu n-naħa ta' Lvant jiġbed għan-naħa tal-lemin. Hekk ukoll fuq il-baħar, sew jekk trid tiġbed lejn il-Lvant, sew lejn il-Punent sew lejn l-irjieħ l-oħra ta' biswit xulxin. Mita għandek il-boxxla tqis ruħek fuq il-labra (kalamita) li dejjem turik it-Tramuntana.

Niġu issa għal l-irjieħ ta' bejn il ponot il-maġġuri. Dawn nistgħu insejħulhom *nofs irjieħ.*

Fid-disinn taż-żewġ boxxli li għandna, sew f'dik tax-xellug b'ismijiet ingliżi, kemm f'dik tal-lemin b'ismijiet maltin, għandna bħal salib li fil-ponot tiegħu juri l-erbât irjieħ il-maġġuri kif fisserniehom qabel. Minn l-erbât ir-kejjen ta' dan is-salib joħorġu erba' ponot oħra li huma in-nofs irjieħ. Kull wieħed minn dawn fil-malti għandu isem għalih meħud mit-taljan jew mil l-isqalli. Ir-riħ li jonfoħ sew sew bejn it-Tramuntana u Lvant jissejjaħ Grigâl u iwieġeb għan-Nord Est (N.E. tad-disinn l-ieħor), ir-riħ li jonfoħ sew sew bejn it-Tramuntana u l-Punent jisejjaħ Majjistrâl u jwieġeb għan-Nord-West (N.W. tad-disinn l-ieħor), ir-riħ li jonfoħ bejn Nofs-in-nhar u l-Punent jissejjaħ Ilbiċ u jwieġeb għas-Sud-West (S.W. tad-disinn l-ieħor), ir-riħ li jonfoħ bejn Nofs-in nhar u Lvant jissejjaħ Xlokk u jwieġeb għas-South-Est (S.E. tad-disinn l-ieħor).

Issa tarġa' bejn kull riħ maġġur u Nofs-riħ hemm riħ ieħor li hu jew dak ir-riħ maġġur li jmil lejn in-nofs riħ tal-ġenb jew l-ieħor, jew dak in-nofs riħ li jmil lejn ir-riħ il-maġġur tal-ġenb jew l-ieħor: Hekk insemmu dawn l-irjieħ l-oħra: Tramuntana-Majjistral li hu r-riħ Tramuntana li jiġbed għall-Majjistral, Majjistral-it-Tramuntana hu ir-riħ Majjistral li jiġbed iktarx lejn it-Tramuntana u hekk l-oħrajn ta' bejn l-irjieħ li għedna u li huma: Majjistral-

punent, Punent-majjistral, Punent-ilbîċ, Ilbîċ-punent, Ilbîċ-Nofs-in-nhar, Nofs-in-nhar-ilbiċ, Nofs-in-nhar ix-Xlokk, ix-Xlokk-nofs-in-nhar, ix-Xlokk-ilvant, Ilvant ix-Xlokk, Ilvant-Grigal, Grieg-il-lvant, Grieg-it-Tramuntana, Tramuntana-bil-grigal.

Issa li nafu l-irjieħ kollha minn fuq il-boxxla, ta' min ukoll ikun jaf kif tagħraf minn fejn ikun ġej jew jonfoħ ir-riħ. Dana nistgħu narawh l-ewwel nett mis-sħâb, it-tieni mid-duħħan u nbagħad ukoll minn kull ħaġa wieqfa jew imdendla fl-ajru u li tkun ħafifa bħalma ngħidu ħwejjeġ għall-inxir, bandieri u siġar.

Imma l-iktar mezz żgur u li ma jqarraqx mita jaħdem tajjeb hija dik il-vleġġa li naraw fl-arblu fuq xi bejt jew fuq il-quċċata ta' xi kampnar li ddur ma' kull riħ li l-lum insejħu *pinnur* u li x-xjuħ tagħna kienu jsejħu *dewwiema*. Il-ponta tal-vleġġa hi dejjem ġewwa r-riħ u d-denb tal-vleġġa (denb is-serduq) juri r-riħ lejn fejn hu sejjer. Fuq wieħed mill-kampnari ta' S. Ġwann hemm dil-vleġġa u ma' dwarha bħal salib bl-erba' ponot maġġuri ta' l-irjieħ bl-ittri *N* (għat-Tramuntana) *S* (għan-Nofs-in-nhar) *E* (għal-Lvant) *W* (għall-Punent)—Dan is-salib hu mwaħħal blama jitħarrek qatt waqt li l-vleġġa ddur mar-riħ u turi ma' dwar das-salib minn liema naħa ġej ir-riħ. Jekk il-ponta tal-vleġġa tieqaf fuq l-*S* sinjal li r-riħ gej min-Nofs-inhar, jekk fuq l-*N* mit-Tramuntana, jekk bejn l-*S* u l-*E* mix-Xlokk, jekk bejn l-*S* u l-*W* mil-Lbîċ u hekk għal l-irjieħ l-oħra kollha.

Ngħaddu issa għall-ismijiet ta' rjieħ li ma jinsabux maħżużin fil-boxxla, imma qabel jaħtieġ intarraf xi ħaġa żgħira fuq il-kalamita tal-boxxla. Ħaġa tal-għaġeb li din il-labra, iddawwarha kemm iddawwarha, mita tieqaf, dejjem tieħu qagħda waħda biex tħares banda waħda lejn it-tramuntana. (min-naħa li fil-boxxla dil-labra ssibha lewn ieħor biex tingħażel min-nofs l-ieħor tal-labra li turi l-ġenb t'isfel ta' biswit it-tarf ta' fuq).

Il-għorrief sabu li l-kalamita mita tieqaf għandna x'jiġbidha mil l-art u ġġagħlha tieħu dik il-qagħda biex min-naħa ta' fuq tħares lejn wieħed mill-poli tad-dinja u min-naħa t'isfel lejn il-polu l-ieħor.

Il-polu Nord igħidulu polu ta' fuq u b'hekk ġie illi riħ li jonfoħ min-Nord jew mit-Tramuntana jissejjaħ ukoll *riħ fuq*, waqt li għax il-polu Sud igħidulu polu ta' isfel b'hekk ġie ukoll illi kull riħ li jonfoħ mis-Sud jew min-Nofs-in-nhar jissejjaħ *riħ isfel*.

Qabel ma nfisser xinhu dar-*riħ isfel*, jaħtieġ ingħid xi ħaġa fuq ix-xorta ta' rjieħ li jonfħu ma' tul is-sena fil-pajjiżi tad-dinja, skond fejn jaħbtu, jew fit-tebqa ta' fuq (Nord) jew fin-nofs jew fit-tebqa ta' isfel (Sud) jew bejn waħda u l-oħra minn dawna. L-ewwel nett hemm irjieħ li jonfħu *bil-qjies* u bin-newba u hemm irjieħ oħra li jonfħu *bla qjies*. Dawk li jonfħu bil-qjies jitqassmu wkoll fi rjieħ li jżommu għas-sħiħ u rjieħ ta' żmienhom: ta' l-ewwel huma dawk li f'xi pajjiżi huma dejjem xorta u jonfħu iktarx min-naħa waħda, waqt li tat-tieni huma dawk li tul xi żminijiet tas-sena jonfħu bil-qjies min-naħa waħda, imma nbagħad jaqilbu u jbiddlu l-mixja tagħhom fiż-żmien ta' wara jew f'xi żmien ieħor ta' ma' tul is-sena. Hemm inbagħad irjieħ oħra li jaħkmu bi sħiħ f'xi staġuni tas-sena, u għalhekk jissejħu *irjieħ ta' l-istaġun*,

Il-fuq mil l-ekwatur minn April sa Ottubru ir-riħ jonfoħ iktarx Ilbiċ; l-isfel mil l-ekwatur minn Ottubru sa April jonfoħ iktarx Grigal.

In-naħa tagħna fejn daqqa ksiħ u daqqa sħana, ir-riħ ma jżommx xorta; iżda fejn ix-xemx taħkem sewwa għal żmien twil, ir-riħ qisu arloġġ.

Il-kurrenti l-kbar ta' l-arja li jżommu bi sħiħ għal staġuni u li bihom il-bastimenti tal-klugħ jagħmlu vjaġġi twal fl-Oċjanu Paċifku u fl-Atlantiku isiru b'hekk. Fl-artijiet tan-nofs tad-dinja (fl-ekwatur) fejn tagħmel l-aqwa sħana, għax ix-xemx l-iżjed li taħkem fuqhom, l-arja teħfief, togħla u timxi, biċċa lejn it-Tramuntana u biċċa lejn Nofs-in-nhar. L-arja taż-żewġ poli billi tkun kiesħa, u għalhekk itqal, tmur timla' l-vojt li ħalliet l-arja sħuna u b'hekk jinħolqu ż-żewġ kurrenti; wieħed ta' l-arja kiesħa minn taħt u l-ieħor ta' l-arja sħuna, minn fuq. Fl-Oċjanu Indjan fejn ir-riħ ibiddel ma l-istaġun, għal sitt xhur fis-sena, ir-riħ jonfoħ dejjem minn fuq u għas-sitta l-oħra minn isfel. Dawn l-irjieħ jis-sejjħu *Munsun*. Mita jiġu biex dawn l-irjieħ iduru jobormu tant bil-qawwi li jagħmlu bħal degħbien ta' ħsara kbira fuq l-art u l-baħar.

Niġu issa *għar-riħ isfel* li f'Malta jinħass bi sħiħ, l-iktar fix-xahar ta' Settembru u ta' Ottubru. Dan hu 'r-riħ (dak li aħna ngħidulu riħ isfel) dak li iktarx jonfoħ minn ġewwa ix-Xlokk. Dan hu dak ir-riħ sħun, niedi u mdellek—mita l-ajru jkun kollu ħtrieq u tidnis u l-art imxarrba. L-irjieħ t'isfel jonfħu mit-tlitt ibnadi u minn bejniet dawn it-tlieta tax-xaqliba ta' Nofs-in-nhar li huma: mil-Lbiċ, min-Nofsin-nhar, mix-Xlokk u mir-rjieħ ta' bejniethom.

Dawn l-irjieħ billi jkunu ġejjin minn fuq art sħuna huma u għaddejjin minn fuq il-baħar jimtlew bl-ilma li iġorru magħhom u għalhekk inħossuhom nedjin u tqâl li jitilquna u mita nimxu jaqtgħulna nifisna u jġagħluna nagħirqu. L-irjieħ ta' fuq huma dawk l-oħra li jaħbtu fix-xaqliba tat-Tramuntana. Dawn l-irjieħ jiġuna min-naħa ta' Sqallija jew minn xi nħawi ta' fuq u jgħaddu ħafna baħar. Mita l-art minn fejn ikunu ġejjin isibuha sħuna, dawn l-irjieħ inħossuhom sħan, imma mita jaqsmu tul ta' baħar jiksħu. Għalhekk jiġri illi fis-sajf it-Tramuntana nħossuha sħuna fietla jew friska li thennik u tfarraġlek il-għomma u fix-xitwa kiesħa li titħollok fil-għadam.

Barra minn dawn l-irjieħ ta' l-istaġun għandna oħrajn li għalkemm la huma hekk qawwija u l-anqas iżommu għal zmien twil. Dawn huma rjieħ ħfief li nsejħulhom "*Żiffiet*". Għandna ż-żiffa tal-baħar li tonfoħ mill-baħar u li għalhekk isejħulha *riħ furan* jew minn barra għandna ż-żiffa li tonfoħ mil l-art, u li għalhekk isejħulha *riħ ta' l-art*. Waħda, iż-żiffa ta' fil-għodu *(rîħ furân)* u l-oħra ta' fil-għaxija *(riħ ta' l-art)*. Il-kelma *furan* ġejja mit-taljan *foraneo (vento che tira dal mare)*. Iż-żiffa ta' fil-għodu ddum il-ġurnata kollha u dik ta' fil-għaxija l-lejl kollu. Dan jiġri hekk. Billi l-art ma' tul il-ġurnata tisħon iżjed mill-baħar jiġri illi l-arja ta' fuq l-art minn fil-għodu sa fil-għaxija tisħon, teħfief u togħla u għalhekk il-kurrent ta' fuq il-baħar li jkun iżjed kiesaħ jaqa' flok l-arja sħuna li tkun telgħet il-fuq. Dan il-kurrent kiesaħ huwa r-riħ furan jew ta' barra ġej minn fuq il-baħar.

Mita nbagħad tinżel ix-xemx, jiġri bil-maqlub. L-art tiksaħ iżjed kmieni mill-baħar u għalhekk mita tonqos is-sħana tax-xemx, l-art tibda tibred u l-ilma jibqa' sħun. L-arja kiesħa ta' fuq l-art taqa' flok dik ta' fuq il-baħar li tkun ħeffet u dejjem tiela' l-fuq u b'hekk jitnissel dak il-kurrent li ħelu ħelu jibda jonfoħ għal fuq il-baħar. Dan hu r-riħ ta' l-art.

Dawn ix-xorta ta' rjieħ inħossuhom jaħjuna l-iktar fis-sajf f'xatt il-baħar, sew ma'tul il-ġurnata kemm għal fil-għaxija jew bil-lejl.

Iż-żewġt irjieħ li l-iktar jagħmlu tagħhom hawn Malta huma: il-Grigal u x-Xlokk. Ma' tul is-sena l-irjieħ l-iktar qawwija u ta' drawwa huma, il-Grigal u Tramuntana fix-xitwa u l-Majjistral u x-Xlokk fl-istaġjuni tas-sajf u tal-ħarifa.

A. Cremona.